*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 45*

***19 ta' Settembru 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *45.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

45.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apologija.

## *45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

45.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

45.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li jixtieq jiċċara li mill-Uffiċju tal-Ministru Ian Borg huwa ġie mistieden għal press conference li għaliha kienu mistiedna s-Sindki biss bħala rappresentanti tal-Kunsill rispettiv tagħhom u dan l-invit ma kienx estiż għall-Kunsill kollu. Huwa sar jaf li kien mistieden ġurnata qabel permezz ta' telefonata u ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet personali.

## *45.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

45.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fil-ġimgħat li għaddew il-Kunsill ħareġ press release li għaliha l-Kunsilliera lanqas biss kienu infurmati dwaru. Dan kien nuqqas serju hekk kif permezz ta' din il-press release wieħed qed jieħu l-impressjoni li kollox sejjer tajjeb fil-Marsa meta fil-verita' l-affarijiet sejrin ħażin speċjalment bis-sitwazzjoni tas-sigurta' fil-lokalita'. Huwa rrimarka li din il-ħaġa ġrat kemm il-darba u hemm bżonn li l-Kunsilliera ikunu infurmati sewwa ta' kull press release li toħroġ fil-pubbliku. Huwa jħossu ferm iddisappuntat li filwaqt li barranin qed jittantaw l-familji, tfal u residenti, l-Kunsill ħareġ għonqu li dan mhux il-każ. Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab apoloġija dwar dan u assikura lill-Kunsill kollu li kull press release ser tkun qed tgħaddi direttament lill-Kunsilliera qabel kull pubblikazzjoni. Huwa talab lis-Segretarju Eżekkuttiv fil-pożizzjoni tiegħu sabiex ikun hu wkoll li jwaqqfu milli jagħmel dan.

45.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi saħaq fuq dak li qal is-Sur Dominic Spencer hekk kif mhix sitwazzjoni aċċettabli li Kunsill joħroġ press release mingħajr il-konsultazzjoni tal-Membri

kollha tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Francis Debono reġa' skuża ruħu u saħaq li din mhix ser terġa tiġri.

45.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar dak li qal is-Sindku aktar kmieni fis-seduta fejn innota li ta' spiss qed jiġri li għall-attivitajiet li jinvolvu l-Kunsill ikun mistieden biss is-Sindku. Din hija xi ħaġa li mhix aċċettabli u ta' dispjaċir li meta jkun hemm press conference li għaliha ikun kkonċernat il-Kunsill kollhu jkun mistieden biss is-Sindku. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li kull meta kien hemm invit għall-Kunsill kollhu jkun pjaċir tiegħu li jsir dan u jaqbel bis-sħieħ li jsir hekk, madanakollu, huwa ma jistgħax jobbliga lill-ħadd li jistieden lill-Kunsill kollu meta jkunu mistiedna biss is-Sindki

45.4.4 Fil-laqgħa ġie nnotat li s-sound system, kif ukoll l-internet ma kienux qegħdin jaħdmu. Dan kien ta' disappunt għal Membri tal-Kunsill, hekk kif numru mill-Kunsilliera riedu juru stampi permezz tal-mobile tagħhom. Is-Sindku kif wkoll is-Segretarju Eżekkutiv jassikuraw lill-dawk preżenti li sa filgħodu kollox kien qed jaħdem u ma setgħux jifhmu x'setgħa kienet il-problema. Il-Kunsilliera talbu sabiex għall-laqgħa li jmiss din is-sitwazzjoni tkun irrimedjata.

45.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn ikun hemm kumitat ta' azzjoni min naħa tal-Planning Authority biex tinvestiga sitwazzjonijiet fejn post li suppost joqgħodu fihom erbgħa min nies ikun hemm għaxar min nies jgħixu fihom. Is-Sindku s-Sur Francis Debono jaqbel li hemm bżonn l-intervent dirett tal-Planning Authority biex jitrażnu dawn l-abbużi.

45.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer reġa' fakkar il-Kunsill dwar il-kundizzjoni li jinsab fih Ġnien Belvedere u staqsa fl'liema stadju wasal dan il-proġett. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ġie aċċertat li dan il-proġett ser isir mill-Ministeru tal-Onor. Jose' Herrera.

45.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fi Triq is-Serkin hemm żewġ toqbiet kbar u nieżel l-ilma minnhom. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dawn it-toqbiet ser jingħalqu.

45.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer informa lill-membri tal-Kunsill li d-diversions li saru fi Triq it-Tiġrija huma inaccettabli u dawn ma jistgħux isiru two ways u hemm bżonn b'mod urġenti li Transport Malta tiġi nfurmata. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill kien dejjem kontra dawn id-diversions u diġa nfurmajna lill-Infrastucture Malta fuq il-periklu maħluq.

45.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-ispralli ta' Triq il-Pitkali għadhom ma sarux u hemm bżonn li tinfetaħ kawża bil-qorti kontra Transport Malta. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill bgħat kemm il-darba emails lis-Sur Michael Cohen li jirrappreżenta lill-Kunsilli fi Transport Malta. Ser nerġaw nagħmlu din t-talba f'dawn il-ġranet, filkas nieħdu l-passi neċċessarji.

45.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab biex isir it-tindif ta' Ġnien 6 t'Awissu. Hemm bżonn li b'mod urġenti dan il-post jitnaddaf. Huwa żied jgħid li peres li l-kuntrattur irid inaddaf dan il-post, l-Kunsill jista' inaddaf u jintbgħat il-kont lil min huwa responsabbli. Is-Sindku is-Sur Francsis Debono qal ix-xogħol fuq dan il-Ġnien ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin mill-kuntrattur.

45.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li bħalma ġieli qal f'seduti oħra hemm bżonn li ix-xelter ta' Triq Santa Rita tingħalaq bi ħġieġa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ser naraw l-ispiża kemm tkun u għand min ser nordnawha.

45.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab biex il-Kunsill jinforma lill-Transport Malta biex waqt li qed isir il-proġett tal-Marsa isiru '*sound barriers*' ma Triq Bajjada propju kif sar fi proġetti simili f'żoni oħra madwar Malta. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-awtorita' kompetenti huma nfurmati b'dan u ġew fuq il-post nies tekniċi biex jaraw l-istrutturi li ser ikunu qed jagħmlu.

## *45.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

45.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *45.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

45.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa qed jistaqsu dwar jekk il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Menqa wasalx biex jinbeda jew jekk hux implimentat għad-diskussjoni. Is-Sindku qal li s'issa l-Kunsill m'għandhu l-ebda informazzjoni dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Menqa.

45.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-appilkazjoni tal-Kunsill dwar Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunita' ġiet aċettata fejn l-ammont li ser nirċievu għall-ECDL huwa €545 u għar-'*Robotika for Kids*' huwa ta' €363.

45.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel reklami fuq il-materjal li ser jintuża waqt l-attivita' Kulturali li ser jorganizzaw bħal snin preċedenti. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

45.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill li peress li fl-ewwel gimgħa ta' Diċembru tiġi ċċelebrata Disability Week ser jiġi mniedi Premju Soċjeta' Ġusta fejn il-Kunsilli huma mitluba jħeġġu persuni mill-komunita' sabiex jinnominaw individwi li jħallu mpatt fis-settur tad-dizabilita'. Dan jista' jsir sad-19 ta' Novembru 2018. Is-Sindku qal li l-għaqdiet jistgġu jiġu nfurmati dwar dan sabiex jinnominaw lil xi ħadd għal dan il-premju. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.7 Deċiżjoni dwar Tender – Upgrading of Football Pitch at 13th December*

45.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex it-tender dwar il-Football Pitch jerġa joħroġ wara li ġie nnotat li fis-systema tal-EPPs ma

kienux qegħdin jidhru xi dettalji importanti tad-tender. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.8 Bdil ta’ ħadid ta’ Triq il-Marsa u gutter tal-ilma*

45.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono għamel referenza għar-ritratti li ġew iċċirkolati matul il-gimgħa fejn hemm bżonn li jinbidel il-ħadid ta’ Triq il-Marsa u l-gutter tal-ilma. Dan hekk kif il-ħadid qed jitmermer u jista’ jkun ta’ periklu għal min jgħaddi min fuqhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.9 Bdil ta’ Bankina fi Triq il-Qaddiefa*

45.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono reġa’ għamel referenza għal ritratt li ġie ċċirkolat matul il-gimgħa fejn hemm bżonn li tinbidel bankina fi Triq il-Qaddiefa. Kif jidher fir-ritratt il-bankina għandha ħsarat sostanzjali bil-konsegwqenza li jista’ jweġġa xi ħadd. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.10 Koperazzjoni ma l-Iskola Proġett Tbissima*

45.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab il-Kunsill dwar il-possibilita’ li l-Kunsill jikkopera mall-Iskola fi Proġett Tbissima. Wara diskussjoni qasira kien jidher ċar li l-Kunsill huwa ddisappuntat li matul dawn l-aħħar ġranet il-President kienet mistiedna fl-Iskola għal dan il-Proġett u l-Kunsill lanqas biss kien mistieden. Ġie nnottat li hija ħasra li proġett soċjali bħal dan u l-Kunsill Lokali li jirrappreżenta l-poplu Marsi lanqas biss ġie kkalkulat. B’hekk ġie miftiehem li l-Kunsill għandhu jinforma lill-Assoċjazzjoni dwar dan, filwaqt li l-item tiġi sospiża sakemm il-Kunsill ikun ikalkulat. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *45.11 Talba mir-Residenti biex isiru bankijiet fi Pjazza G.F. Abela*

45.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq talba ta’ resident dwar il-possibilita’ li jsiru bankijiet fi Pjazza G.F. Abela. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li dawn il-bankijiet aħjar ma jsirux għalissa minħabba ċirkostanzi differenti fosthom fejn jitqiegħed l-armar tal-festa.

## *45.12 Sigurta’ fit-Toroq tal-Marsa*

45.12.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab sabiex din l-item tkun mal-agenda ta' din il-laqgħa għaliex ir-residenti tal-lokalita' li huwa jirrapprezenta huma inkwetati dwar in-nuqqas ta' sigurta' li hawn fil-Marsa, u li huwa inutli li hawn il-Pulizja jekk mhux qed ikun hawn enforcement fuq il-liġijiet li għadda l-Kunsill matul din l-aħħar sena. Il-Kunsillier fakkar li bħall-lum sena l-Kunsill wiegħed lill-poplu Marsi li jekk l-affarijiet ma jitranġawx isir mixja ta' solidarjeta' b'rispett għas-sofferenza li r-residenti qed jgħaddu minnu ta' kuljum. Huwa kompla li issa għadda wisq żmien biex l-Kunsill jibqa' sejjer qisu xejn mhu xejn u b'hekk saħaq li jixtieq li ttitieħed mozzjoni biex insibu data biex din il-mixja ta' solidarjeta' issir mill-Kunsill Lokali.

45.12.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sabiex jagħti d-dettalji ta' din il-mozzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-mozzjoni ser tkun hekk 'Nitlob lill-Kunsill tal-Marsa li fil-ġranet li ġejjin jifissa data fejn issir mixja paċifika ta' Solidarjeta' mall-poplu Marsi fejn fi tmiema isiru l-appelli lill-awtoritajiet kkonċernati fejn nuru t-tbatijiet li għaddejjin minnu l-poplu Marsi u li hemm bżonn tittieħed azzjoni mmedjata biex il-poplu Marsi ma jkunx ħabsi f'daru'.

45.12.3 Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ma qabilx li ssir li din il-mixja hekk kif mixjiet bħal dawn jistgħu jiġu strumentalizżati min elementi estremisti.

45.12.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament mall-mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer u qal li l-estremiżmu jikber meta l-awtoritajiet iwarrbu dawk l-elementi li huma importanti għan-nies.

45.12.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-mozzjoni għall-vot tal-Kunsill fejn il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer, il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi u s-Sindku s-Sur Francis Debono qablu ma din il-mozzjoni kif ġiet imressqa mill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer, filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ivvota kontra din il-mozzjoni. B'hekk il-mozzjoni għaddiet bi tlett voti favur u vot wieħed kontra.

45.12.6 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex bħal lum gimgħat fis-26 ta' Settembru fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ssir laqgħa urġenti tal-Kunsill fejn tiġi diskussa d-data u l-ħin ta' din il-mixja ta' solidarjeta'. Wara li ma kien l-ebda oġġezzjoni li ssir din il-laqgħa urġenti, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li vot favur kien unanimu.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sospenzjoni tal-laqgħa biex issir diskussjoni fuq is-sigurta' tal-lokal mall-Ispettur tal-Għassa tal-Marsa s-Sur Wayne Camilleri. Hawnhekk l-Ispettur beda d-diskors tiegħu billi qal li l-Pulizija jridu joperaw skond il-liġijiet tal-pajjiż u jekk kien hemm persuna li ġiet iffastidjata min persuna barrannija din ikollha tmur tixhed il-qorti biex dan effettivament jinstab ħati. Dan ifisser li jkun għalxejn li persuna tagħmel rapport jekk imbgħad ma tkunx lesta tixhed il-qorti, u sfortunatament dawn huma il-parametri li l-Pulizija topera fihom. L-Ispettur qal ukoll li dawk il-persuni li qed jeħlu ċitazzjoni fuq pussess ta' joint ikun jfisser li dik il-persuna tressaq it-tribunal.

Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa kemm il-darba qed jissejħu l-Pulizija tad-drug squad u kemm qed jitneħħew nies li qed jorqdu barra. L-Ispettur qal li f'idejħ m'għandux ċifri, madanakollu huwa aċċerta lill-Kunsill li l-RIU qed ikunu preżenti ta' spiss.

Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit qal li hemm post fi Triq San Ġorġ Preca li min informazzjoni li għandhu qed tintuża bħala moskeja pero ezattament x'qed isir fiha ħadd ma jaf. L-Ispettur wieġeb li b'dan il-każ jaf bih u qed izomm lis-sezzjoni ta' kontra t-terroriżmu infurmati bih.

Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab lill-Ispettur dwar hekk għandhux rendikont ta' kemm saru citazzjonijiet dwar xorb alkoholiku u tlajjar fil-lokalita' tal-Marsa. L-Ispettur qal li f'idejħ m'għandux ċifri imma jassikura l-kunsilliera li ċitazzjonijiet qed isiru b'mod regolari.

Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ikkonkluda billi qal li l-problema tas-sigurta' fit-toroq tal-Marsa tant kibret li lanqas il-Pulizija m'għandhom biżżejjed riżorsi biex isolvu l-problemi li kibru matul is-snin. Huwa talab lill-Ispettur dwar l-ammont ta' Pulizija fl-għassa hekk kif din ġieli qed tkun magħluqa. L-Ispettur ammetta li mhuwiex sodisfatt bl-ammont ta' Pulizija li għandhu fil-lokal hekk kif kien hemm ammont ta' Pulizija fl-għassa li dawn tneħħew min hemm u ma ġewx oħrajn minflokhom. Huwa qal li ser ikompli jitlob għal aktar riżorsi biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' din il-lokalita'.

Wara diskussjoni qasira, is-Sindku rringrazzja lill-Ispettur tal-intervent tiegħu u talab biex il-laqgħa titkompla kif skedata.

## *45.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

45.13. Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm u ġiet aġġornata għad-17 t'Ottubru 2018 fill-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono | Edward Spiteri Audibert |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 17 t'Ottubru 2018